**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 24 ta’ Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 150 / 11RGM

Kawza fil-lista: 5

**X F**
**vs**
**Y F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg nhar il-14 ta' Awissu 1998 u miz-zwieg taghhom twieled tifel, L F nhar is-17 ta' Jannar 2005, li ghalhekk ghadu minuri.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u s-separazzjoni bejn il-kontendenti hija regolata ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 19 ta' Ottubru 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Ritienne Fenech.

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt, senjatement l-Artikolu 15, il-partijiet ftehmu dwar il-kundizzjonijiet ta' access tal-minuri L F. L-Artikolu 15b jistipula illi:

"Ir-ragel ikollu d-dritt ta' access ampju u liberu versu l-imsemmi ibnu Miguel".

Illi l-partijiet ftehmu ukoll illi f'kaz illi ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-access ampju u liberu, ghandhom japplikaw il-hinijiet fil-granet stipulati fl-istess kuntratt liema hinijiet jammontaw ghal mhux aktar minn hames sieghat kull gimgha fost il-gimgha u, fuq bazi alternattiv, tliet sieghat is-Sibt;

Illi mid-data ta' l-iffirmar tal-kuntratt sa llum, ir-Ragel qatt ma nghata access aktar minn dak stipulat fil-kuntratt fl-eventwalita' ta' nuqqas ta'qbil u dan nonostante tentattivi sabiex jizdied il-hin mal-minuri da parti tar-rikorrent;

Illi in piu' kull meta ir-Ragel ma kienx f'pozizzjoni illi jezercita l-access tieghu f'xi gurnata jew ohra ghal ragunijiet varji, inkluzi attivitajiet tal-minuri illi nzertaw fil-hin ta' l-access, huwa qatt ma nghata opportunita' jirkupra dan il-hin u dan stante rifjut da parti ta' l-intimata;

Illi in vista tal-fatt illi il-minuri qieghed jikber u l-ezigenzi tat-tifel jirrikjedu hin sostanzjali mal-missier, ir-rikorrent jixtieq ikun iktar konvolt fil-hajja tal-minuri u ukoll jixtieq iqatta aktar hin mieghu;

Illi nonostante diversi tentattivi da parti tar-rikorrent sabiex jizdied il-hin mal-minuri, inkluz procedura ta' Medjazzjoni, l-intimata rrifjutat u dan stante illi hija ma kenitx disposta tinnegozja hinijiet itwal (nonostante illi dan kien mirat lejn l-ahjar interessi tal-minuri) minghajr ma tinnegozja kwistjonijiet ohra ghal kollox mhux relatati mal-minuri u dan kif indikat fil-kawza intavolata nhar id-29 ta' April 2011 u wkoll kif ser jigi spjegat f'aktar dettal waqt il-kawza odjerna;

Illi huwa fl-interess tat-tifel minuri illi l-missier ikollu presenza u partecipazzjoni akbar f'hajtu u ghalhekk ir-rikorrent qieghed jipprocedi sabiex izid il-hin ma' ibnu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata qeghdha tirrisjedi ma' terza persuna certu Frankie F u l-minuri qieghed iqatta hafna hin ma' din il-koppja b'dan illi l-istess minuri qieghed jirreferi ghal din il-persuna bhala missieru u cioe' "Papa' Frankie" - fatt illi sejrin jigu ppruvati waqt il-kawza u li juru bic-car illi hemm indikazzjonijiet negattivi dwar it-trobbija ta' l-istess minuri;

Illi ghaldaqstant il-procedura ta' Medjazzjoni inghalqet minghajr ebda ezitu posittiv u ghalhekk ir-rikorrent kien kostrett jiftah il-proceduri odjerni;

Illli in piu' ai termini ta' l-Artikolu 15h ta' l-istess kuntratt, il-partijiet ftehmu illi:

....it-tifel, dejjem a bazi tal-volonta' ta' l-istess minuri, jista' jigi introdott lil terzi persuni ma’ min il-partijiet ghandhom jew ghad ikollhom relazzjoni stabbli, basta li fil-presenza tal-parti l-ohra...."

Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza, kien hemm diversi okkazjonijiet fejn it-tifel minuri L thalla wahdu fil-presenza ta' Frankie F u cioe' il-persuna illi maghha l-intimata ghandha relazzjoni stabbli.

Illi dan l-atteggjament huwa bi ksur ghall-obbligi naxxenti mill-kuntratt u huma ta' pregudizzju ghall-istess minuri.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrent filwaqt illi jaghmel rifernza ghad-suespost, jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi r-rikorrent iqatta aktar hin ma' ibnu Miguel F;

Tiffissa granet u hinijiet ghall-access tar-rikorrent oltre dawk prezentement ezercitati ai termini ta' l-Artikolu 15(b) tal-kuntratt, okkorrendo bl-assistenza ta' psikologu u/jew espert iehor nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan;

Tordna lil-partijiet jaderixxu mal-granet u hinijiet hekk ifissati;

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri ma ghandu fl-ebda mument jithalla wahdu fil-presenza ta' persuna ma' min il-partijiet b'mod partikolari l-intimata kellha u ghad ghandha relazzjoni stabbli u tordna illi kwalsiasi agir in ksur ta' dan l-obbligu jieqaf minnufih u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, in-nullita’ tar-rikors promotur stante illi huwa nieqes mir-rekwiziti tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi ma hux minnu illi l-konvenuta omm qatt cahdet lill-attur missier milli jezercita access ampju u liberu a favur tal-minuri L F u anzi kien l-attur missier innifsu illi sa mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni datat is-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sal-prezent, qatt ma wera interess illi jezercita access barra mill-hinijiet illi gew stipulati fil-kuntratt tas-separazzjoni u

ghazel minflok illi izomm dejjem mal-hinijiet stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni liema hinijiet kienu gew iffissati skond ix-xewqat tal-attur missier innifsu;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi kull meta l-attur missier gie imheggeg mill-konvenuta omm sabiex jiehu lill-minuri L ghal aktar hinijiet u ghal sleep-overs, kemm qabel u kif ukoll wara l-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni l-attur missier dejjem gab xi skuza jew ohra fosthom skuzi ta' impenji ta' xoghol, limitazzjonijiet ta' spazju fil-post tar-residenza tieghu u inoltre irrifjuta illi f'kaz li jinqala' l-bzonn jammistra l-medicina tal-asthma lill-minuri matul il-lejl;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi ghalkemm l-attur missier qieghed jittenta jitfa' htijiet fuq il-konvenuta omm, l-istess attur missier kemm il-darba kien vjolenti fil-konfront tal-minuri L waqt iz-zwieg bejn il-kontendenti u kien hemm anke episodju fejn l-istess attur missier sawwat lill-martu l-konvenuta omm waqt li kienet tqila bil-minuri L. Illi anke fil-prezent waqt il-hin tal-access l-istess missier attur qieghed juri nuqqas ta' attenzjoni, negligenza u anke mohqrija psikologika u fizika fil-konfront tal-minuri L u dana billi jbezza lill-minuri b'theddid dirett lejl l-istess minuri u lejn ommu l-konvenuta u l-familjari taghha u fost agir iehor fix-xhur tax-xitwa waqt il-hin tal-access ihalli lill-minuri espost ghall-elementi minkejja li jaf li l-istess minuri ibati bil-kondizzjoni tal-asthma u fix-xhur tas-sajf il-minuri qieghed kemm-il darba jasal lura d-dar bil-ghatx u bil-guh peress illi l-attur missier ikun irrifjuta illi jixtrilu ikel u xorb. Illi inoltre l-minuri qieghed juri ansjeta` kbira fil-granet li fihom ikun imiss illi jigi ezercitat l-access tant illi f'tali granet il-minuri inaqqas mill-ikel, ikollu taqlib fl-istonku u sintomi ohra li gew innutati anke mill-ghalliema tal-istess minuri, u dana kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjom tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda u dan stante li kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna ma hemmx lok li kuntratt ta' separazzjoni jigi varjat wara li jkun gie debitament iffirmat u kkonfermat mill-partijiet, u dan aktar u aktar meta l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat ftit tax-xhur qabel ma giet intavolata din il-kawza. L-intimata tistaqsi jekk din il-kawza tindikax jekk meta gew miftiehma il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni l-attur ma kienx qed ihares lejn l-ahjar interessi tal-minuri u issa beda jhares lejn l-ahjar interessi tal-minuri?;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, fil-mertu t-talbiet attrici in kwantu dawn jirrigwardaw il-presenza ta' terzi persuni fil-hajja tal-minuri huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma huwiex minnu illi l-konvenuta omm qatt halliet lill-minuri L F wahdu fi-presenza ta' terzi barranin u inoltre tali akkuzi huma intizi biss sabiex jivvessaw lill-konvenuta omm u ifxkluha milli tkompli b'hajjitha minkejja illi kien l-istess attur missier nnifsu illi kisser iz-zwieg meta kkommetta atti adulteri u kif ukoll kien u ghadu f'relazzjoni mal-partner tieghu fin-negozju liema relazzjoni bdiet ferm qabel is-separazzjoni tal-partijiet, waqt li l-intimata kienet qed tkun tiehu hsieb il-minuri u l-affarijiet kollha tal-familja;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, fil-mertu t-talbiet attrici in kwantu dawn jirrigwardaw il-prezenza ta' terzi persuni fil-hajja tal-minuri huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma anke rizorji meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi l-attur jghix ma' terza persuna u jqatta il-hin kollu maghha peress illi din it-terza persuna hija l-partner tieghu fin-negozju u ghalhekk ikun maghha kemm filghodu u kif ukoll filghaxija;

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-Ligi.

Rat l-affidavit tal-attur, X F, u ta' Doris F, Jacqueline Zerafa,Analise F, George F u Laurie Attard annessi ma nota tal-attur ipprezentata fis-17 ta' Gunju 2011;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011 fejn il-Qorti nnominat bhala espert lill-haddiema socjali, Denise Portelli u lill-Avukat Dottor Nadia Vella bhala Assistant Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Daniela Gauci, li biha rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenuta;

Rat r-rapport tal-haddiema socjali, Denise Portelli, ppresentat fit-13 ta' Jannar 2012;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' April 2012, fejn l-Assistenta Gudizzjarja Dottor Nadia Vella giet sostitwita bl-Avukat Dottor Kenneth Gulia;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Katia Mercieca, li biha rrinunzjat ghall-patrocinju tal-attur;

Rat d-digriet moghti 'seduta stante' fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti pprovdiet dwar l-access ghall-minuri;

Rat l-affidavit tal-konvenuta Y F, ta' Josephine Grech u ta' Jacqueline Scerri annessi ma' nota pprezentata fit-18 ta' Gunju 2013;

Rat il-kontro-ezami tal-attur li sar fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju; u ta' Doris F li sar fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2013, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ir-rapporti li saru fl-Ghassa tal-Pulizija il-Hamrun bejn it-30 ta' Mejju 2011, u d-29 ta' Ottubru 2013;

Rat n-nota tal-Avukati Dottor Michael Grech u Dottor Alicia Camilleri li biha ddikjaraw li qed jirrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenuta;

Rat id-digriet moghti 'seduta stante' fit-3 ta' Dicembru 2013 fejn il-Qorti varjat l-access tal-missier ghall-minuri ghal zmien il-Milied;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 fejn il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet ittransigew il-mertu tal-kawza, hlief fir-rigward tal-kap tal-ispejjez;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2015, fejn il-Qorti approvat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar l-access ghall-minuri u ordnat li n-nota konguntiva tal-partijiet ipprezentata fil-25 ta' Novembru 2015 dwar id-dettalji tal-istess tkun parti integrali mid-digriet;

Rat li l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

**PROVI.**

L-attur ipprezenta l-affidavit tieghu anness ma nota tas-17 ta' Gunju 2011, Fol 29 et seq. Hu ddikjara li zzewweg lill-konvenuta fl-14 ta' Awissu 1998 u kellhom tifel, L, li twieled fis-17 ta' Jannar 2005. It-tifel twieled wara seba snin zwieg izda skond l-attur mill-bidu nett taz-zwieg kellhom il-problemi billi l-konvenuta kienet iggieghlu jibqa' distanti mill-famlja tieghu u anke tivvinta stejjer fuq membri tal-familja tieghu. L-anqas fix-xoghol tieghu ma kienet tinkoraggih u ma kinitx tippartecipa f'dak li kien jaghmel u l-progetti li kellu. Hu jghid li lejn l-ahhar tas-sena tat-2009 ir-relazzjoni ta' bejniethom marret ghall-aghar u saret kompletament impossibbli tant li sseparaw b'kuntratt pubblikat fid-19 ta' Ottubru 2010. L-attur ikkonferma li fil-kuntratt ta' separazzjoni, biex martu u ibnu jgawdu l-istess livell tal-ghejxien hu accetta li jhallas Euro 800 fix-xahar manteniment, kwantu ghal Euro 550 ghall-minuri L u kwantu ghal Euro 250 ghall-martu.

Ghalkemm il-konvenuta kienet dejjem tghid li minhabba t-tifel kien impossibbli ghaliha li tmur tahdem, l-attur skopra li wara ftit gimghat biss li gie ffirmat il-kuntratt, il-konvenuta bdiet tahdem ‘full time’ go hanut. L-attur jghid li peress li L kien l-uniku tifel, u kien f’eta’ delikata, ried jassikura li ma jkunx effettwat negattivament bis-separazzjoni. Hu ried li t-tifel jifhem li l-genituri tieghu xorta wahda kienu ser jkunu prezenti fil-hajja tieghu.

L-attur iddikjara li xtaq iqatta’ l-aktar hin possibbli ma ibnu, u peress li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali mat-tifel, ftehmu, Artikolu 15 tal-kuntratt, li l-access tieghu ghat-tifel jkun ampju u liberu. Ftehemu ukoll li jekk ma jaqblux fuq il-hinijiet ghandhom japplikaw il-granet specifikatament indikati fil-kuntratt. Ftehmu wkoll li t-tifel qatt ma jithalla ma’ terza persuna minghajr il-presenza ta’ wiehed mill-genituri. Skond l-attur, ghalkemm l-access kellu jkun ampju u liberu, u l-granet u l-hinijiet indakati fil-kuntratt kellhom jservu biss ghal meta l-partijiet ma jaqblux, l-konvenuta mill-ewwel bdiet tinsisti li l-access tal-attur ghat-tifel kellu jkun skond il-granet u hinijiet indikati fil-kuntratt. Il-konvenuta dejjem kienet tirrifjuta illi tikkoncedilu hinijiet aktar minn dawk indikati fil-kuntratt. It-tifel kien jghidlu li xtaq iqatta aktar hin mieghu, u billi l-konvenuta baqghet tinsisti fuq il-hinijiet indikati fil-kuntratt, l-attur kien kostrett jirrikorri ghal dawn il-proceduri.

L-attur jghid li t-tifel kemm il-darba esprima x-xewqa li jqatta’ aktar hin mieghu u mal-familja tieghu, partikolarment billi hut l-attur ghandhom tfal li huma tal-istess eta’. Kemm il-missier kif ukoll it-tifel jixtiequ li jkollhom aktar hin flimkien, skond l-attur hekk biss it-tifel jista’ jirrealizza li l-missier hu presenti u partecipi f’hajjtu. Pero’ l-konvenuta baqghet dejjem tirrifjuta, u tiehu lit-tifel maghha fil-hanut fejn tahdem “ All in One” fl-Mgarr, negozju gestit minn ragel li illum hi ghandha relazzjoni mieghu, u t-tifel iqatta sieghat twal f’dan il-hanut waqt li l-konvenuta tkun qed tahdem hemm. L-attur jiddikjara li l-minuri, anke ghall-gid tieghu stess, jkun ahjar ghalih, li flokk sieghat twal go hanut ikun f’ambjent aktar akkoljenti u familjari ma’ kugini tal-eta’ tieghu.

L-attur jilmenta mill-fatt li mhux qed jippartecipa fl-edukazzjoni ta’ ibnu billi f’access ta’ saghtejn mhux possibbli ghalih biex jghinu fix-xoghol tal-iskola. In oltre, jinhela hafna hin, kwazi siegha, sakemm jmur ghalih u jerga jiehdu, u ghalhekk l-attur hassu kostrett li jirrikorri ghal dawn il-proceduri biex jkun jista’ jqatta aktar hin ma’ ibnu, li tul gimgha shiha kien jarah ghal 4 jew 7 sieghat skond il-kaz.

L-attur jirrileva ukoll li kien hemm diversi okkazjonijiet meta ma ezercitax l-access jew ghax kien imsiefer jew ghax it-tifel kellu ‘rehearsals’ tal-Karnival, izda

meta talab lill-konvenuta, anke permezz ta' ittri registrati tal-avukat li baqghu 'unclaimed' biex jirkupra l-hin li kien intilef, hi dejjem irrifjutat. L-attur jirrileva li meta waqt il-hin tal-access t-tifel kellu ' birthday party' ta' habib tal-klassi, minghajr pressjoni ta' xejn staqsih xi xtaq jaghamel u accetta li flok joqghod mieghu wasslu il-party qaghad jistennih u wara wasslu lura id-dar. Hu dejjem agixxa skond l-ahjar interess tat-tifel mentri l-konvenuta kienet tuza lit-tifel 'arma' kontra tieghu, billi tillimitalu l-hin mieghu u ccahhdu milli jirkupra il-hin mitluf mieghu.

Ftit gimghat biss wara li gie iffirmat l-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur jghid li sar jaf mit-tifel waqt l-access li fid-dar kien beda jghix persuna jismu Frank. L-attur jghid li dan ma kienx ta' gid ghat-tifel li jigi espost ghal terza persuna li tiehu *post* missieru. L-attur jghid li psikologikament dan ken ta' hsara ghat-tifel li kien ghadu qed jipprova jaccetta li l-genituri tieghu kienu isseparaw. L-attur kien jaghmel l-ghassa mad-dar matrimonjali u skopra li dan Frank F kien johrog mid-dar fis-seba' nieqes kwart ta' fil-ghodu, jidhol fil-Landrover numru DAS 329 u jitlaq. Fil-ghaxija il-Landrover tieghu kienet tkun wara il-bieb mit-tmienja ta' filghaxija u jitlaq minn hemm filghodu kmieni. L-attur jghid li m' ghandu xejn kontra ir-relazzjoni ta' martu ma din il-persuna pero' il-fatt li dan qed jghix gewwa d-dar ta' kuljum jista' jkollu influwenza negattiva fuq ibnu. Din il-persuna dahlet fil-hajja ta' ibnu u tqatta ammont sostanzjali ta' sieghat mieghu, mentru hu qed jigi mcahhad li jzid ftit hin ma' ibnu.

Hu kkonferma li f'diversi okkazjonijiet ra lil dan Frank iwassal lit-tifel wahdu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, minghajr ma tkun prezenti l-omm. Gieli kien hemm incidenti bejniethom anke fil-presenza tat-tifel. L-attur jinsisti li dan kollu mhux fl-ahjar interess tat-tifel u jmur kontra dak miftiehem fuq il-kuntratt. L-attur semma incident meta it-tifel kien ghand omm l-attur, Doris F u fil-presenza taghha u ta' ohtu Josephine Zerafa t-tifel rrifera ghal Frank bhala 'Daddy Frank'. Ovvjament l-attur, ommu u ohtu ma hadux pjacir b'dan il-kumment, u meta talbu spjegazzjoni lit-tifel dan irrisponda li ommu Y kienet tghidlu biex jirriferi ghalih hekk. L-attur jilmenta minn din s-sitwazzjoni partikolari fejn it-tifel qed iqatta aktar hin ma' terza persuna li tghix bhala kopja ma ommu, milli mieghu, li hu missieru, u dan jista' jkollu impatt qawwi fuq l-izvilupp tieghu.

L-attur jsemmi cirkostanza preokkupanti ghalih meta baghtet ghalih il-Head of School ta' Santa Venera Primary School li infurmatu li t-tifel kien qed jittraskura fil-homework. It-tifel qal li ma kienx qed jkollu l-hin ghall-homework billi ommu kienet tiehdu il-hanut fejn tahdem. L-attur jghid li partikolarment nhar ta' Sibt it-tifel kien juri dwejjaq kbar meta kien jiehdu lura d-dar u b'dan kienu ukoll indunaw t-tfal li kienu jilghabu mieghu.

L-attur jikkonkludi billi jiddkjara li t-tifel jrid jqatta aktar hin mieghu u li l-konvenuta dejjem cahditu minn dan u aghar minn hekk qed icahhad lill-binha milli jkollu relazzjoni tajba u stabbli ma missieru u dan bi hsara ghall-izvilupp u l-emozzjonijiet tat-tifel.

Jacqueline Zerafa, oht l-attur, fl-affidavit taghha, Fol 39 tikkonferma li l-konvenuta ma riditx jkollha kuntatt mal-familja ta' zewgha, in fatti l-attur beda jerga jiffrekwenta membri tal-familja tieghu wara li ssepara. Il-konvenuta kienet dejjem taqla' l-inkwiet, darba akkuzatha li serqitilha d-deheb minn kexxun imsakkar, ma riditx li jiehdu ritratti fit-tieg ma X u li l-ewwel darba li rat lit-tifel kellu xi tlett snin ghax qatt ma kienet tressqu lejn il-familja tar-ragel. F'Dicembru 2010 it-tifel kien qalilhom li certu Frankie kien beda jghix maghhom. Hi personalment iddikjarat li rathom flimkien lil Y, Frank u t-tifel Ta' Qali fit-23 ta'Jannar 2011 u rathom fil-Karnival hdejn Kastilja. It-tifel kien qalilha li d-Daddy Frank kien fetah hanut ghal ommu Y fl-Mgarr jismu " All in One" fejn it-tifel kien iqatta' hafna hin. It-tifel qalilha ukoll li kienet ommu li qaltlu biex jsejjahlu 'Daddy'. It-tifel stqarr maghha li hu kien jorqod f'kamra ghalih, u ommu kienet torqod f'kamra ma' Frank u li meta kienu johorgu flimkien lilu kienu jhalluh ghand omm Y. Hi kkonfermat li t-tifel kien spiss jghidilha li jixtieq iqatta' aktar hin ma' X, missieru, u jkun jista' jilghab mal-kugini tal-eta' tieghu.

Doris F, omm l-attur, fl-Affidavit taghha, Fol 41, ikkonfermat li t-tifel ta' X F, L,jmur id-dar taghha kull nhar ta' Gimgha ghal xi saghtejn u binha jkun il-hin kollu mieghu. Hi ukoll ikkonfermat li fil-bidu taz-zwieg lit-tifel qatt ma kienet tarah, ratu l-ewwel darba meta gia' kellu tlett snin, dan ghaliex ma kellhiex relazzjoni tajba ma' Y. Hi kienet haditha bi kbira pero' biex ma taqlax inkwiet ma kinitx tikkummenta. Hi tghid li ghandha relazzjoni tajba hafna mat-tifel billi dan jkun ghandha kull nhar ta' Gimgha, u jghannaqha u jbusha meta jaraha. It-tifel beda jmur ghandha minn Dicenbru 2010 u minn dak iz-zmien kien qalilha li ommu Y kellha habib li kien jismu Frank, li kellu pyjama roza u li kien jghix maghhom. Fit-23 ta' Jannar 2011 hi ukoll rathom Ta'Qali it-tlieta flimkien, cioe' Y, Frank u t-tifel L, qishom familja. Hi qalet li lit-tifel ma tista' taghtih xejn l-anqas helu ghax ommu tarmilu kull ma jaghtuh huma. Hi ukoll ikkonfermat li kien hemm okkazjoni meta kienu fil-kcina u uzaw passatur li t-tifel ddikjara ghadu wiehed bhalu "Daddy Frank". Din il-frazi rega' qalha ftit gimghat wara u hi spjegatlu li missieru kien binha X u li hu ghandu jirrispetta u jhobb billi hu 'il-missier propja tieghu'.

Analise F, li hi mizzewga lil George F, hu l-attur, fl-affidavit taghha, Fol 42, kkonfermat li l-konvenuta kellha karattru li taqla' l-inkwiet kemm fil-familja kif ukoll fuq ix-xoghol. Kienet tivvinta l-istejjer biex jgelled. Hi kkonfermat li fit-23 ta'Dicembru 2011, hi u zewgha marru ghand X u Y biex jevitaw incident

bejniethom, u raw li wara il-bieb tad-dar taghhom kien hemm Landrover DAS 329, li kienu jarawha hemm lejl u nhar, vettura li rrizulta li kienet ta' Fankie F, li kien qed jghix ma Y u binha. Hi ukoll ikkonfermat li kienet rathom it-tlieta flimkien bhala familja il-Hadd f'Jannar fuq il-monti Ta' Qali.

Hi kkonfermat li binha, Danzel F, li ghandu tmien snin u nofs jilghab mat-tifel ta' X F, L u saru hbieb kbar. It-tifel taghha ikkonfermalha li L ma jiekolx helu li joffrulu ghax ommu ma thallihix, u kien jaghamel id-dwejjaq meta jkun sari l-hin biex missieru jiehdu lura.

George F, hu l-attur, fl-affidavit tieghu, Fol 44, ukoll ikkonferma li mart huh, Y, ghal xejn b'xejn kienet dejjem taqla' l-inkwiet kemm fuq ix-xoghol kif ukoll fil-familja, billi tivvinta l-istejjer. Darba qaltilhom li binhom waqt li kien maghha kellu accessjoni, haduh l-isptar, sarulu it-tests kollha u rrizulta li ma kellu xejn. Bdiet tivvinta stejjer li zewgha, li kien jiggestixxi n-negozju, Smart Office Supplies Limited, kien qed ifalli, kellu d-dejn u l-kredituri kienu qed jigru warajha. Dan ma kienx minnu u ghamlitu bl-iskop, li x-xhud u martu, li kienu jahdmu mal-attur iffittxu xoghol alternattiv. Kienet tivvinta li x-xhud kien jiktbilha ittri anonimi.

Hu, bhal martu kkonferma li fit-23 ta' Dicembru 2011, hu u martu marru ghand Y biex jevitaw incident bejn il-partijiet u wara l-bieb tad-dar kien hemm il-vettura tal-marka Landrover DAS 329 li hi propjeta' ta' Frankie F. Hu kkonferma li jahdem fuq barra u billi din il-vettura dejjem jaraha hemm ikkonferma li Frankie F jirrisjedi regolarment ma' Y.

Hu ukoll ikkonferma li ra lil Frank ma Y u binha il-Hadd f'Jannar fuq il-Monti Ta' Qali u kienu jidhru qishom familja. Darba ohra rahom flimkien fil-Karnival il-Floriana. Hu kkonferma li t-tifel tieghu, Danzel F, u L saru hbib kbar billi kull nhar ta' Sibt jilghabu flimkien. Hu kkonferma ukoll li t-tifel tieghu qallu li L jirrifjuta anke il-helu ghax ommu ma thallihx. Kien jghidlu ukoll li L kien jaghamel id-dwejjaq meta jsir il-hin biex jirritorna ghand ommu.

Laurie Attard, fl-affidavit tieghu, Fol 46, ikkonferma li hu impjegat bhala delivery person mal-kumpanija Smart Office Supplies Limited. Kull nhar ta' Tlieta, darba kull hmistax, flimkien mal-attur jmorru Ghawdex fuq xoghol u jghaddu minn Triq il-Parilja Santa Venera, u wara il-bieb tad-dar "Cavallino Rampante" fejn tirrisjedi Y ma binha L, hu dejjem jara il-vettura Landrover DAS 329 li hi ta' Frankie F. Dan jkun fil-5.15am.

Hu kkonferma ukoll li fil-bidu ta' Mejju 2011 meta kien ma' impjegat iehor, Maurizio Xerri, fi tlett okkazjonijiet kienu ghaddejjin minn hdejn l-Ghassa tal-

Pulizija tal-Hamrun ghal-habta tal-5.30 pm wara x-xoghol u ra li Frank F kien wahdu mat-tifel L.

Hu kkonferma ukoll li ra lil Y fil-hanut "All in One" u kien jidher li hi kienet qed tiehu hsieb il-hanut.

Y F, il-konvenuta, fl-affidavit taghha, Fol 207, kkonfermat li zzewwget lill-attur fl-14 ta' Awissu 1998 u li X kien ilu jghix ghand ommha sa minn 10 snin qabel zzewwgu billi kellu problem mal-familja tieghu. Hi tghid li fil-bidu ma kellhomx problem, dawn bdew meta meta l-attur nqabad jisraq minn zewg kumpaniji, G & A Autoparts Ltd u Personal Security Services Limited. Hi tghid li ippruvat ssalva z-zwieg minkejja il-fatt li X kien telaq mid-dar ghal xi gimgha.

Fis-17 ta' Jannar 2005 twieled it-tifel, L, izda s-sitwazzjoni marret ghall-aghar flokk ghall-ahjar. X sar aggressiv u vjolenti u beda jsawwat kemm lilha kif ukoll lil binhom. X wara beda jahdem mal-Quill u hemm ltaqa' ma Lucianne Farrugia, dak iz-zmien Stellini, li hi llum il-partner tieghu. Xi sentejn wara, X beda n-negozju ta' Smart Office Supplies Limited, flimkien ma Lucianne Farrugia. Hi tghid li r-ragel taghha, Simon Stellini kien cempillha u qalilha li martu kellha relazzjoni ma X, u li dan kien ser jitlaq mid-dar u jmur jghix maghha. Hi kkonfrontat lill-attur li skond hi, talabha skuza. Hi hasset li ma setghetx tafdah aktar u fil-fatt hu mar jghix ma Lucianne qabel ma gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni. Hi tghid li f'dak iz-zmien l-anqas kien jistaqsi ghat-tifel. Il-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fid-19 ta' Ottubru 2010.

Hi tghid li qatt ma kien hemm nuqqas ta' qbil jew problemi dwar l-access ta' X ghal L. Qablu li l-access kellu jkun ampju u liberu u jekk ma jaqblux ftehmu li l-missier jara lit-tifel nhar ta' Tlieta mis-6pm sat-8pm; nhar ta' Gimgha mill-5pm sat-8pm u darba kull hmistax, gimgha iva u gimgha li s-Sibt mill-10am sas-1pm. Hi tghid li X qatt ma lmenta li ried aktar hin, ma riedx li jorqod ghandu ghax qal li ma kellhux post. Hi tghid li X ried biss li jigi ffirmat il-kuntratt malghajr biex jibda hajja ohra ma' Lucianne. Il-konvenuta ddikjarat li l-attur qatt ma' wera interess li li jkollu access ghat-tifel barra mill-hinijiet indikati fil-kuntratt. Meta l-attur kien jitlobha li tibdel il-hinijiet jew il-granet hi qatt ma oggezzjonat. Kien okkazjonijet meta hi kienet twassal lil L u X ma jmurx ghax jkun msiefer u l-anqas biss kien javzaha, jew jghid li ma jkunx jiflah u wara jarawh fuq il-post tax-xoghol. Meta qalet lill-attur biex it-tifel jigbru minn ghand ommha, l-anqas biss mar ghalih u hallih jistenna ghal xejn.

Hi tichad li l-attur ried access aktar frekwenti, qatt ma ried 'sleepovers', kull ma talab kien li l-access ghas-Sibt jkun b'mod alternattiv, cioe' gimgha s-Sibt u il-gimgha ta' wara l-Hadd. Hi kkonfermat li l-access qed issir, skod ir-rapport ta'

Denise, is-Social Worker, li jinkludi 'sleepover' anke jekk t-tifel ma tantx jkun ferhan.

Hi tghid li filwaqt li hi kienet dejjem disposta li tibdel il-hinijiet jekk ikun il-kaz, hu dejjem kien jirrifjuta u lit-tifel telfu hafna 'parties' billi dawn kienu jinzertaw il-Gimgha meta jkollu l-access l-missier. Dwar l-affidavit tal-attur, l-konvenuta tiddikjara li huma ma setghux jirrikonciljaw mhux minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ddikjara l-attur, izda minnhabba ir-relazzjoni li kellu ma' Lucianne sa minn qabel li sseparaw. Hi mill-banda l-ohra saret taf lil Frank xhur wara li kienu sseparaw u cahdet li qatt qalet lil L biex jghajjatlu ' Daddy'. Hi cahdet li kienet tibghat lit-tifel ghall-access ma' Frank wahdu u tghid li hi kienet tkun prezenti dejjem u kienet tghid lil Frank jmur maghha minhabba l-provokazzjonijiet, bhal mossi u kliem oxxen da parti ta l-attur, anke fil-presenza tal-Pulizija. Hi tghid li tibza' mill-karattru vjolenti tal-attur, li kien agreddixxa lilha hdejn l-Poliklinika tal-Mosta quddiem it-tifel L u agredixxa ukoll lill-ohtha, zewgha u t-tarbija taghhom, kif ukoll lil Frank li ghandu garanzija bil-Qorti.

Hi tghid li t-tifel jkun mdejjaq meta tghidlu li jrid jmur ghand missieru, la jkun entuzjast biex jmur ghandu u lanqas jixtieq jorqod ghandu. Il-konvenuta ddikjarat li kemm-il darba X ihalli lit-tifel wahdu ma' Lucianne meta suppost hu jkun qed jgawdi lill-ibnu u jezercita d-dritt ta' access. Jiehdu mieghu x-xoghol u mbaghad jibghatu d-dar ma' Lucianne. Darba rat lit-tifel wahdu ma' Lucianne ghand Mc Donalds, pero' qatt ma lmentat minn dan. Rigward il-homework traskurat tghid li dan gara meta it-tifel kien mal-attur, li ma jkunx jridu jaghmlu mieghu.

It-tifel jbati bl-asthma u l-konvenuta tinkwieta meta t-tifel jorqod ghand l-attur billi jista' jaghtih xi attack bil-lejl u jkollu bzonn jinghata certa medicina.

Hi tikkonkludi billi tghid li mhijiex x-xewqa tat-tifel li jqatta aktar zmien ma' missieru, billi jkun mdejjaq meta jigi biex jmur ghand missieru.

Josephine Grech, omm Y F, fl-affidavit taghha a fol 212, ikkonfermat li qabel bintha zzewwget lill-attur X F dan ghamel madwar 10 snin jghix ghandha billi kellu problemi  mal-familja tieghu. It-tifel L twieled fit-2005 u f'dan iz-zmien X kien ikun dejjem nervuz u rrabbjat. Meta kien jisma' lit-tifel jikbi kien aggressiv mieghu, kien ukoll agressiv ma' Y. X ma kienx jirrispetta lil Y, is-Sibt hu kien jibqa d-dar fuq il-computer minflok ma johrog maghhom. X imbaghad kellu relazzjoni ma' persuna ohra u ghalhekk isseparaw. Anke wara s-separazzjoni baqa' jaqla' l-problemi billi meta Y kien ser ikollha t-tieni wild taghha, ftehmet mieghu li lil L jigbru mid-dar taghha izda baqa' ma marx ghalih u hallih saghtejn jistenna u ma tfaccax. Hi kkonfermat li L kien jkun mdejjaq meta tfakkru li kellu jmur ghand missieru u fil-fatt ma jkunx jixtieq imur. Hi kienet dejjem tghidlu li

kellu jhobb lill-missieru bhal ma jhobb lill-ommu. L kien jigi minn ghand missieru bil-guh u bil-ghatx, kien jibza minnu u ma kienx jkun kuntent li jmur mieghu.

Jacqueline Scerri, oht il-konvenuta Y F, fl-affidavit taghha, Fol 214, ikkonfermat li qabel ma zzewgu il-partijiet, X ghamel 10 snin jghix ghand ommha. Zewgha Sinclair kien jahdem ma' X u kellhom l-problemi billi X kien jiehu il-commission li suppost kellu jircievi Sinclair. Hi tghid li X kien aggressiv kemm ma' Y kif ukoll mat-tifel L. Wara li beda n-negozju tieghu, komplew il-problemi billi kellu relazzjoni ma' Lucienne Farrugia u ghalhekk isseparaw. Hi ddikjarat li f'dan iz-zmien X ma kienx jaghti manteniment ghat-tifel L u hi kienet taghti xi haga tal-flus lill-ohtha Y. Hi kkonfermat li L kien jibza minn missieru u ma kienx jkun kuntent meta jkun sejjer ghand missieru. X dejjem jimpika ma' Y u kien qed ibati t-tifel. L gieli ma marx ghall-party li jkun mistieden billi X ma jkunx jrid ibiddel il-hinijiet tal-access. Wara l-access mal-missier t-tifel kien jkun bil-guh u bil-ghatx, jkun aggressiv u jitkellem baxx. It-tifel kien jkun kuntent wara li jispicca l-access tal-missier. Meta Y kienet tigbor lit-tifel mill-access, X kien jipprova jipprovoka bil-mossi oxxeni. X kien darba aggredixxa lix-xhud u lil-bintha ta' sena u nofs u lil zewgha. L kien mbezza minn missieru, sgur li ma jridx li l-hin tal-access jizdied, u meta kien jkollu 'sleepover' ghand missieru kien jkun mdejjaq u kienu jipprovaw jispjegawlu li l-attur hu missieru u li kien jhobbu.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet zzewwgu fl-14 ta' Awissu 1998. It-tifel taghhom, L twieled fis-17 ta' Jannar 2005. Huma sseparaw b'kuntatt pubblikat min Nutar Dottor Ritienne Fenech fid-19 ta' Ottubru 2010. Skond l-artikolu 15b tal-kuntratt:

*Ir-ragel ikollu dritt ta' access ampju u liberu versu l-imsemmi ibnu Miguel."*
*Il-partijiet qablu li fil-kas li ma jkunx hemm qbil dwar il-modalita' tal-access, is-seguenti hinijiet ghandhom japplikaw b'effett immedjat:*

*Nhar ta' Tlieta mis-6pm sat-8pm.*
*Nhar ta' Gimgha mil-5pm sat-8pm.*
*Nhar ta'Sibt mill-10am sas-1pm darba kull hmistax, cioe' gimgha iva u gimgha le.*

*Il-partijiet qablu ukoll dwar birthdays u festi bhal-Milied u L-Ewwel tas-Sena, Jum il-Missier u Jum l-Omm, para 15c tal-kuntratt.*

L-attur ipproceda b'din il-kawza billi kien qed jara lill-minuri fil-hinijiet specifikati fil-kuntratt biss u xejn aktar, cioe' hames sieghat fil-gimgha u tmien sieghat fil-gimgha sussegwenti. In vista ta' dak patwit fuq il-kuntratt, access liberu u ampju, u billi hass li ma kienx qed jkun prezenti u jippartecipa fil-hajja ta' ibnu, ipproceda biex il-hinijiet tal-access tieghu ghal ibnu l-minuri jizdiedu u dan partikolarment fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Il-konvenuta mill-banda l-ohra tinsisti li hi qatt ma cahdet lill-attur milli jezercita access ampju u liberu favur il-minuri, u kien l-istess attur li qatt ma' wera interess li jezercita l-access barra mill-hinijiet indikati fil-kuntratt.

Kemm l-attur, kif ukoll il-konvenuta, illum ghandhom relazzjoni stabbli ma' terzi persuni. L-attur ma' Lucienne Farrugia, li kienet mizzewga lil Simon Stellini, l-attur ikkonferma in kontro-ezami Fol 227 li minnha kellu tifla, u l-konvenuta ma' Frank F, li minnu l-konvenuta kellha tifel, Fol 208 u Fol 233.

Il-partijiet ittransigew il-mertu tal-kawza u qablu fuq hinijiet tal-access kif indikati fin-nota konguntiva taghhom tal-25 ta' Novembru 2015, Fol 346, pero' ma lahqhux ftehim dwar il-kap tal-ispejjez u fis-6 ta' Ottubru 2016 l-kawza giet differita ghas-sentenza limitatament dwar il-kap tal-ispejjez.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Francis Vella vs John Debono**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 1964 ntqal:

"Huwa ben maghruf illi r-regola li l-parti sukkumbenti tigi akkollata l-ispejjez gudizzjarji mhix norma ta' dritt totalment tassattiv u inflessibbli li ma jippermettux varjazzjoni minnha. Minn ezami tal-applikazzjoni dwarhom minn dawn il-Qrati,insibu li jekk jirrizultaw motivi gusti l-ispejjez jistghu jigu ghall-kollox jew in parti kompensati, per ezempju, minghajr taxxa jew ripartiti f'xi porzjon ohra."

"Jezistu addirittura sitwazzjonijiet fejn il-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha". ( Vol.XXVI.P1. P 173; Vol. XXXIX.P1. P 342.)

Skond l-**Artikolu 223 tal-Kap 12:**

"Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez" u skont id-dispost tat-tielet subinciz " il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficili tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".

“Li r-regola mhix wahda rigoruza li l-Qrati ghandhom ta’ bilfors jirrifurmaw ruhhom maghha gie sahansitra ravvizat f’kawza ta’ divizjoni fejn normalment tezisti l-prattika li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati bejn il-kontendenti fil-proporzjon tal-interess rispettiv taghhom. “Eppure tuttavia cio’ non ha luogo quando la divizione non viene fatta per copla di uno degli interessati in opposizione al volere di tutti gli altri” ( Vol. VI P 565)

“Minn dawn l-ezemplifikazzjonijiet dak li hu cert hu li ma tezisti l-ebda regola fissa. Il-konkluzjoni ghandha tkun dik li ghandhom jigu kkunsidrati c-cirkostanzi partikolari ta’ kull kas” Vol. XXIX P11 P 389. “

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, it-tezi tal-attur hi li kien kostrett jipprocedi billi lanqas fl-istadju tal-medjazzjoni ma intlahaq ftiehem bejniethom u l-fatt li l-partijiet lahqu transazzjoni fil-mori tal-kawza jikkonferma li kien gustifikat jipprocedi.

Il-konvenuta, u x-xhieda minnha prodotti, familjari taghha, kkonfermaw li l-minuri kien jkollu d-dwejjaq meta jsir il-hin biex jmur ma’ missieru. Madanakollu biz-zmien c-cirkostanzi nbidlu ghall-ahjar tant li l-partijiet rnexxielhom jaslu ghall-ftiehem fejn indubbjament l-attur ser igawdi aktar mill-kumpanija tal-minuri. Dan naturalment ma jiddependiex unikament u esklusivament mill-konvenuta izda indubbjament minn dak li jixtieq l-istess minuri li illum ghandu hdax il-sena. Irrizulta li t-tifel ibati mill-Asthma, cirkostanza li probabilment incidiet partikolarment ghall-isleepovers, billi attakk tal-asthma f’nofs ta’ lejl jista’ jikkrea krizi serja jekk wiehed ma jkunx jaf x’ghandu jaghmel. Il-mertu tal-kawza mhux kanonizzazjoni ta’ kreditu, jew kontestazzjoni tal-quantum pretiz mill-attur, izda mertu li jiddependi minn cirkostanzi varji u partikolari ghall-kaz, li skond is-sentenzi citati ghandu jittiehed kont taghhom.  Cirkostanzi illi l-partijiet mhux dejjem ghandhom kontroll fuqhom.

Fl-assjem taghhom il-provi imressqa juru illi sa certu punt dawn il-proceduri gudizzjarji kienu necessarji fl-interess taz-zewg partijiet u b’mod partikolari fl-interess tal-minuri.

Ezaminati l-fatti specie partikolari ta’ dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma ferma illi jkun gust u ekwu illi l-ispejjez ta’ din il-kawza jigu sopportati miz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu in vista tal-ftiehem milhuq mill-partijiet fil-mori tal-kawza kif indikat fin-nota konguntiva tal-25 ta' Novembru 2015 kif approvat b'digriet ta' din il-Qorti tal-istess data,.

Tordna u tiddeciedi illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur u in kwantu ghal nofs l-iehor mill-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**